# JULIETTE

F'ismek il-ħajja! Qalbi
għalik għamiltha ġnien
imżejjen bl-isbaħ fjuri
li ma jtemmhomx iż-żmien.

Int tħobbni u jiena nħobbok:
aħna nħobbu 'l xulxin;
kollu għalik, jekk tridu,
ta' qalbi l-ġiżimin!

"Juliette," kun af li jiena,
xħin tkun tninni fis-skiet,
inkun ngħannilek l-għanja
tal-ħlewwa tas-smewwiet

* * *

Imma bejni u bejn ruħi
x'jiswieli ngħid waqtiet
li ngħanni l-għanja tiegħi
għall-baħħ, għax-xejn, għas-skiet?

Versi ta' sliem u mħabba
x'jiswieli ninseġ qatt
għal ħuti jekk minn ħuti
lili ma jwieġeb ħadd?

Illum id-dinja nqalbet.
L-imħabba ftit duħħan.
Imm'int poëta għanni:
għax sehmek mhux ħlief dan.

Romeo L. Psaila

Birkirkara